MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 576/2005

Kawza fil-lista: 1

**E.C.B. Hotel & Catering Equipment Limited**
**Vs**
**H.P. Cole Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Premess illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta is-somma ta' sebat elef, tmien mija, tnejn u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm7822.10,0) liema somma tirraprezenta prezz ta' "catering equipment" mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, kif jidher mir-rendikont markat Dok A;

U peress illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx l-imsemmija somma anki wara li giet interpellata;

U peress illi l-kreditu tas-socjeta’ attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma taghha u tad-direttur taghha is-socjeta’ konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni x’taghti ghall-hlas tal-imsemmi kreditu u l-kawza tista’ tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. taqta’ u tiddeciedi l-kawza u tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma fuq imsemmija ta’ sebat elef, tmien mija, tnejn u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm7822.10,0) ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax mid-data ta’ kull fattura u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-affidavit tas-socjeta’ attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta konvenuta ammettiet it-talbiet attrici.

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------